# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D

Citazzjoni numru 370/1996

Illum 08 ta' Jannar 2002.

IL-PULIZIJA
(Spettur Pio Pisani)

VS

JEAN CLAUDE CASSAR

**IL-QORTI**

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-imputat u dan talli:

i) fl-ghassa tal-pulizija tal-Mosta, fil-11 ta' Mejju, 1996 ghal habta tat-3.00 p.m. ingurja jew hedded lil PC 635 Alan Calleja, PC 1074 Luke Stivala, PC1273 Kraus Mifsud u PC 1462 James Green, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu jaghmlu dan is-servizz jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

ii) u talli fl-istess data, hin u lok attakka u ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, bi flixkun imkisser kontra PC 635, PC 1074, PC 1273 u PC 1462, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni

inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku fil waqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

iii) kif ukoll talli fl-istess data, post u hin, volontarjament hassar, ghamel hsara fil-karozza numru M 2377 propjeta tal-Gvern ta' Malta, liema hsara ma tiskorriex il-LM50 imma izjed minn LM10.

iv) Kif ukoll talli fl-istess data, post u hin ma obdiedx l-ordnijiet legittimi ta' awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma jhalliehx jew fixkel lil PC 635, PC 1074, PC 1273 u PC 1462 waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor bla jedd, jindahal fi dmirijiethom billi ma jhalliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel jew billi jgib fix-xejn, jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht id-dispozizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' Ligi ohra.

v) Fl-istess data, post u hin qal kliem oxxen li jikkonsissti fi kliem jew espressjonijiet ta' dagha jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici, offenda il-morali, l-imgieba jew id-decenza pubblika.

vi) Fl-istess data post u hin volontarjament kiser il-bonordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

vii) Ukoll talli rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi li saru definittivi.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni biex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni ta' PC 635 Alan Calleja, PC 1074 Luke Stivala, PC 1273 Kraus Mifsud u PC 1462 James Green u biex jinzamm il-bon ordni flimkien mal-piena jew

minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjonijiet tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-istess Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali a fol 11 tal-process li biha ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja

Semghet lil imputat jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghal din il-procedura (ara a fol 13 tal-process).

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti prodotti mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-kaz in ezami beda meta fil-11 ta' Mejju 1996 il-pulizija fl-ghassa tal-Mosta kienu ircevew talba mill-ispettur Peter Paul Zammit sabiex l-akkuzat "jingabar" in konnessjoni ma' investigazzjoni ta' kaz ta' serq bi vjolenza. Inzerta pero, li l-istess akkuzat kien mar fl-istess ghassa sabiex jottempra ruhu mal-obligazzjonijiet imposti fuqu minn Qorti diversament presjeduta in konnessjoni ma' kaz iehor. Meta l-akkuzat kien gie fl-ghassa ghal dan l-iskop, kien hemm fiha zewg pulizija, PS 595 Anthony Camilleri u PC 1082 Dominic Marmara.

L-imsemmi surgent tal-pulizija kien informa lill-akkuzat li kien ried ikellmu l-ispettur Peter Paul Zammit, izda l-akkuzat irrifjuta li jmur fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. F'certa hin l-akkuzat waqt l-incident in ezami kien kisser flixkun tal-hgieg

u b'dan l-oggett beda jhedded lil-pulizija. In oltre fl-istess ghassa waslu tlett membri tal-Iskwadra Mobili tal-pulizija li mmanettjaw lill-akkuzat, liema akkuzat irrezista waqt li kien qed jiddahhal fil-karozza tal-pulizija, oltre li ghamel xi hsara fl-istess vettura permezz ta' daqqiet ta' sieq (ara x-xhieda tal-Ufficjal prosekutur a fol 22 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi PC 1082 Ronald Marmara (fol 47 tal-atti) spjega kif kien ircieva struzzjonijiet sabiex jigi kkuntattjat l-ispettur Peter Paul Zammit meta l-akkuzat jigi fl-ghassa ghal-iskop premess. Difatti meta dan dahal fl-ghassa, ix-xhud ikkuntattja lill-istess Spettur imsemmi, li da parti tieghu, qal lix-xhud 'sabiex inzomm lil Jean Claude Cassar fl-ghassa sakemm jitilghu ghalih mis-CID'. Pero wara li kien informah dwar dan, u kienu waslu fl-ghassa membri tal-Iskwadra mobili, l-akkuzat ma riedx imur maghhom. Di fatti l-akkuzat kien diga qal lix-xhud 'li ma kienx ser jinzel id-depot hlief bil-karozza tieghu'.

Hawnhekk, l-akkuzat wara li wera li ma kienx intenzjonat imur mal-pulizija, beda jhedded lill-pulizija b'siggu li jinghalaq waqt li nsista ukoll li ried jaghmel kuntatt mal-ispettur Peter Paul Zammit permezz ta' telefonata. Wara li din it-talba tal-akkuzat giet rifjutata, jidher li hu sar aktar aggressiv u beda jimxi lejn il-bieb ta' barra tal-ghassa. Hawnhekk il-membri tal-iskwadra mobili, erba' b'kollox, tawh is-salt sabiex jippruvaw jimmanettjawh. Pero l-akkuzat qabad flixkun tal-hgieg, kissru, u beda jhedded lill-istess pulizija.

Wara insistenza da parti tax-xhud 'sabiex ma jkabbarhiex', l-akkuzat pogga l-istess flixkun fuq cint ta' tieqa u l-akkuzat gie mmanettjat waqt li x-xhud dahal gewwa fl-ghassa.

Ikkunsidrat

Illi PS 595 Anthony Camilleri (fol 54 et seq ibid) waqt li esebixxa kopja tar-rapport relattiv (fol 58 ibid) spjega li ma kienx presenti ghal incident kollu. Dan ix-xhud ikkonferma li kien ircieva ordni mill-ispettur gia imsemmi sabiex meta l-akkuzat jigi fl-ghassa sabiex jiffirma fil-ktieb tal-liberta provizorja, l-istess akkuzat jinzamm fl-ghassa. Ghalhekk meta l-akkuzat kien gie, ix-xhud kien qallu sabiex joqghod bil-qieghda fl-ghassa peress li ried ikellmu l-ispettur Peter Paul Zammit. Ix-xhud pero, kellu johrog mil-ghassa fuq xoghol. Meta kien qed imur lura, hu nnota li kien hemm membri tal-iskwadra mobili jippruvaw jipperswadu lill-akkuzat jitla fuq il-karozza tal-pulizija. L-akkuzat, pero kien irrifjuta li jaghmel dan, fost ghajjat u hsara fl-istess karozza kagunata meta dan beda jaghti bis-sieq fuqha. Pero eventwalment l-akkuzat kien gie konvincut sabiex jitla fuq il-karozza u ittiehed ‘l hemm (ara ukoll ix-xhieda ta’ PC 926 Lawrence Azzopardi a fol 50 u 51 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi gew prodotti l-erba’ membri tal-Iskwadra mobili nvoluti f’dan il-kaz.

PC 635 Alan Calleja (fol 25 ibid) meta wasal fl-ghassa ra lill-akkuzat waqt li dan kien qed jidghi, jitkellem hazin u juza kliem offensiv fil-konfront tal-ispettur Peter Paul Zammit. In oltre l-akkuzat, li kellu jitnizzel fil-Kwartieri Generali tal-pulizija kien irrifjuta li jaghmel dan. In oltre, meta hareg mill-ghassa sabiex jaghmel telefonata, il-pulizija ppruvaw izommuh. Pero l-akkuzat ha flixkun tal-hgieg vojt, u li kien jinsab fil-vicinanzi, kisser l-istess flixkun u beda jxejjer l-istess oggett (Ara l-anness Dok AC 1) fid-direzzjoni tal-istess pulizija. Meta x-xhud ra li l-akkuzat kien riesaq lejh bl-istess flixkun imkisser, hu hareg arma tan-nar sabiex jiddefendi lilu nnifsu.

Pero l-akkuzat nizzel l-istess flixkun u gie mmanettjat. Hawnhekk l-akkuzat beda jiggieled sabiex ma jigix immanettjat u jaghti bis-sieq fuq in-naha ta' wara tal-karozza tal-pulizija sakemm iddahhal gewwa fl-istess karozza.

PC 1462 James Green (fol 32 et seq ibid) li kien wasal fl-istess ghassa qabel ix-xhud precedenti, fis-sustanza, xehed bhal PC 635 Alan Calleja in rigward id-dinamita tal-incident. Pero jigi nnotat li dan ix-xhud qal li l-akkuzat kellu jittiehed fid-depot fuq ordni tal-ispettur Peter Paul Zammit minghajr, pero, ma nghata r-raguni ghal dan. In oltre fit-tragitt lejn l-istess depot, sema li l-akkuzat kompla juza kliem offensiv fil-konfront tal-ispettur Peter Paul Zammit u kliem ta' theddid fil-konfront ta' PC 635 Alan Calleja (ara ukoll ix-xhieda ta' PC 1273 Klaus Mifsud a fol 40 u PC 1074 Luke Stivala a fol 43).

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-hsarat kagunati fuq il-karozza tal-pulizija msemmija waqt dan l-incident, gie prodott PS 918 Anthony Agius (fol 46) li ddeskriva l-istess hsarat deskritti bhala 'zghar' u valutati LM45).

Ikkunsidrat

Illi l-imsemmi spettur Peter Paul Zammit (fol 83 ibid) spjega li kien qed jinvestiga kaz ta' serq bi vjolenza. A bazi ta' deskrizzjoni moghtija mill-istess vittma, hu kien investiga diversi persuni maghrufin mal-pulizija ghall-attivita taghhom. Fost dawn kien hemm l-akkuzat u difatti kien informa lill-pulizija fl-ghassa tal-Mosta dwar dan, sabiex kif l-akkuzat jasal hemm, jigi arrestat u b'hekk tkun tista tintbaghat karozza ghalih. Meta dan ingieb fid-depot, wara li saret 'identification parade', l-istess akkuzat kien intbaght 'l hemm.

Ikkunsidrat

Illi l-akkuzat (fol 89) spjega li wara li fl-ghassa tal-Mosta kien iffirma l-'bail book' kien gie nformat li ried ikellmu l-ispettur Peter Paul Zammit. Kif kien hiereg mill-ghassa, sabiex imur lejn id-depot fuq il-mutur tieghu, kien dahal fl-ghassa PS 595 Anthony Camilleri li qal 'le lil dan jigu ghalih huma'. Difatti l-istess surgent qabdu minn idu u ilwihielu sabiex l-akkuzat jiddahhal f'cella. Pero, skond l-akkuzat, meta waslu fuq il-post il-membri tal-iskwadra mobili, hu kien pront li jmur ma' dawn. Pero ghal xi raguni, l-akkuzat gie cirkondat minn dawn u sahansitra wiehed minnhom kien hareg arma tan-nar u gie allegat li hu kien qed jirrezisti l-arrest.

Hawnhekk hu sab u qabad flixkun, kissru u zammu f'idejh, sakemm kemm hu, kemm il-pulizija nehhew dak li kellhom f'idejhom. In rigward l-incident, l-akkuzat sostna li ma kien inghata ebda 'warrant' li fuqu kien hemm indikat x'kienet ir-raguni ghaliex kellu jmur id-depot. Difatti kien sar jaf b'dan, ossija x'kienet ir-raguni preciza, wara li saret l-imsemmija 'identification parade'. In rigward l-incident, l-akkuzat ilmenta li gie mmanettjat b'mod issikkat, oltre li qal li kien ta daqqa ta' sieq li setghet laqtet il-karozza tal-pulizija wara li pero, kien qala daqqa ohra hu stess.

Ikkunsidrat

Illi qabel il-mertu tal-akkuzi in ezami, il-Qorti tixtieq tissoferma ruhha fuq is-setgha u l-poter ta' arrest ta' individwu da parti tal-pulizija. In rigward dan, l-artikoli tal-Kodici Kriminali l-aktar relevanti u importanti huma:

a) L-artikolu 347 li jispecifika li tali poter jista jigi esercitat kontra persuna li tkun ghamlet jew ikun hemm suspett li ghamlet delitt. In rigward dan l-artikolu, jkun sufficjenti li jinghad li tali suspett ghandu jkun ragjonevoli, kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati Maltin. In rigward dan il-kaz jidher li l-pulizija, specifikatament l-ispettur Peter

Paul Zammit, kien ta struzzjonijiet sabiex l-akkuzat jigi arrestat, ghax seta kien involut f'delitt a bazi ta' deskrizzjoni li saret mill-vittma ta' dan id-delitt. Wara li saret l-investigazzjoni permezz ta' 'identification parade', dwar jekk l-akkuzat setax kien involut fl-istess delitt, hu gie rilaxxat.

b) L-artikolu 352 jispecifika li l-ufficjal tal-pulizija li jarresta, ghandu jgharraf lill-persuna arrestata bis-setgha tieghu u bir-raguni tal-arrest sakemm ma jkunx gie arrestat 'in flagrante'.

c) L-artikolu 355 li jirregola l-imgieba tal-Ufficjal tal-Pulizija lejn l-arrestat waqt l-arrest ta' dan u f'kaz ta' imgieba hazina tal-istess arrestat.

d) L-Artikolu 349 dwar setgha ta' arrest f'kaz ta' indhil fl-ezercizzju tas-setghat tal-pulizija.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward il-kaz in dezamina u mill-ezami tal-provi taht il-lenti tal-artikoli precitati, jidher evidenti li l-akkuzat ma kienx gie informat u mgharraf dwar ir-raguni tal-arrest tieghu meta wasal fl-ghassa tal-Mosta, sabiex jiffirma l'bail book', avolja jidher li tali arrest kien gustifikat, a bazi ta' suspett ragjonevoli li seta kien involut fil-kummissjoni ta' delitt.

Illi dan premess l-akkuzat seta kellu mezzi legali u leciti sabiex jinghata rimedju ghall-mancanza da parti tal-pulizija meta dawn ma informawhx dwar ir-raguni ghall-arrest tieghu. Pero l-akkuzat ghazel li jiehu rimedju mmedjat u inaccettabbli, billi ghamel uzu ta' vjolenza kif ampjament ppruvat billi uza mezzi vjolenti, theddid u anke billi kkaguna hsara minima fil-karozza tal-pulizija.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl tac-cirkostanzi u tal-fatti kif esposti, ma rrizultax li fizzjali tal-pulizija uzaw xi mezz li hu sproporzjonat ghall-istess cirkostanzi sabiex jarrestaw lill-akkuzat.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk l-akkuzi kollha migjuba kontra l-akkuzat gew ippruvati fil-konfront tal-akkuzat, tenut kont dejjem tal-imsemmi nuqqas da parti tal-pulizija kif hawn fuq spejgat.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-akkuza  ta' ricediva kif migjuba, jidher li din giet ippruvata bix-xhieda tal-ispettur Pio Pisani (fol 61 ibid) in rigward is-sentenzi esebiti a fol 64 u 67 biss.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u dan talli:

i) fl-ghassa tal-pulizija tal-Mosta, fil-11 ta' Mejju, 1996 ghal habta tat-3.00 p.m. ingurja jew hedded lil PC 635 Alan Calleja, PC 1074 Luke Stivala, PC1273 Kraus Mifsud u PC 1462 James Green, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu jaghmlu dan is-servizz jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom, kontra l-ligi, fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

ii) u talli fl-istess data, hin u lok attakka u ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb bi flixkun imkisser kontra PC 635, PC 1074, PC 1273 u PC 1462 ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu

jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

iii) kif ukoll talli fl-istess data, post u hin volontarjament hassar, ghamel hsara fil-karozza numru M 2377 propjeta tal-Gvern ta' Malta, liema hsara ma tiskorriex il-LM50 imma izjed minn LM10.

iv) Kif ukoll talli fl-istess data, post u hin ma obdiedx l-ordnijiet legittimi ta' awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma jhalliehx jew fixkel lil PC 635, PC 1074, PC 1273 u PC 1462 waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor bla jedd, jindahal fi dmirijiethom billi na jhalliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun kemm il-darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht id-dispozizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' Ligi ohra.

v) Fl-istess data, post u hin qal kliem oxxen li jikkonsisti fi kliem jew espressjonijiet ta' dagha jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici, offenda il-morali l-imgieba jew id-decenza pubblika.

vi) Fl-istess data, post u hin volontarjament kiser il-bonordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

vii) Ukoll talli rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi li saru definittivi

Rat l-artikoli 91, 95, 96, 325 (C), 338 (cc), 338 (bb), 338 (dd), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

In rigward piena, wara li l-Qorti qieset il-fedina penali tal-akkuzat (fol 8 tal-atti) kif ukoll il-grad ta' gravita tal-incident in ezami, oltre li hadet in konsiderazzjoni n-nuqqas da parti tal-pulizija nvoluti kif hemm specifikat, li f'dan il-kaz ghandu jigi kunsidrat bhala cirkostanza li a bazi taghha jista jigi applikat l-artikolu 21 ibid, l-istess Qorti tara li f'dan il-kaz tista timponi piena pekunjarja adatta ghall-istess cirkostanzi minghajr il-htiega ta' impozizzjoni ta' xi obbligazzjoni kif mitluba,.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat LM250 (mitejn u hamsin lira maltin) multa.

Alan Calleja
Dep Reg

Vera Kopja Ghar-Registratur